MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 446/2000/1

**Numru: 7**

**Avviz numru: 446/00/SM**

**Joseph Xuereb bin Carmelo u Joseph Xuereb bin John**

**vs**

**Charles Agius**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-10 ta' April tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux:**

**1. Jigi kkundannat ihallas lill-atturi dawk id-danni li jigu likwidati minn din il-Qorti rapprezentanti hsarat minnu kkawzati f'dura u kamra fit-territorju denominat ta' Gebel l-Abjad fil-limiti tal-Imtahleb, liema territorju jinsab imqabbel lill-atturi;**

**2. Ghall-fini ta' kompetenza, id-danni reklamati ma jeccedux it-tlett mitt Lira Maltija (LM300.00,0);**

**3. Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-19 ta' Lulju tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Preliminarjament, in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti rationae materiae;**

**2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi jridu jipprovaw it-titolu taghhom ghad-dura, il-girna u t-territorju denominat ta' Gebel l-Abjad, fil-limiti tal-Imtahleb;**

**3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nuqqas ta' interess guridiku da parti tal-atturi stante illi jekk xejn huwa sid ir-raba de quo li ghandu dritt ghal xi kumpens;**

**4. Illi fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu li t-territorju kollu maghruf bhala tal-Gebel Abjad huwa mqabbel lill-atturi, izda hija parti zghira biss;**

**5. Illi fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost mhux minnu li d-dura tappartjeni lill-atturi jew min minnhom;**

**6. Illi fis-sitt lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma tezisti l-ebda girna;**

**7. Illi fis-seba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi diga' istitwew zewg kawzi kriminali kontra l-konvenut fuq l-allegazzjoni li hemm indikata fl-avviz fl-ismijiet hawn fuq indikati, izda l-istess konvenut dejjem gie liberat minn kull imputazzjoni u htija;**

**8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat il-verbal datat it-30 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz tieghu il-konvenut irtira l-eccezzjoni numru sitta (6) tieghu, (ara fol 15);**

**Rat ukoll il-verbal datat l-20 ta' Marzu tas-sena 2002 li permezz tieghu l-konvenut irriserva li jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat il-verbal datat il-5 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-konvenut rega' talab li jipprezenta nota' ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri, (ara fol 108);**

**Rat id-digriet taghha ta' l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti fejn wara li l-atturi ma opponewx ghal din it-talba l-konvenut gie awtorizzat jipprezenta n-nota ulterjuri tieghu, (ara fol 108);**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri datata l-5 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz taghha eccepixxa l-illecita' tal-kawza odjerna, (ara fol 110);**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi r-raba in dizamina ilu allegatament f'idejn l-atturi ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin sena u jirrizulta li r-raba nqasam bejn il-familjari ta' l-atturi fejn din il-bicca art meritu ta' din il-procedura misset propju lilhom;**

**2. Illi l-art de quo tikkomprendi wkoll kamra li allegatament giet imwaqqa' xejn anqas minn hames (5) darbiet;**

**3. Illi jidher li kien hemm ukoll xi dura li evidentement giet imwaqqa' wkoll;**

**4. Illi l-atturi jsostnu li jafu lill-konvenut peress li ghandu r-raba adjacenti ghal dik minnhom ikkoltivata;**

**5. Illi wara mistoqsija tal-qorti jekk l-attur kienx ra lil xi hadd iwaqqa' d-dura, l-attur wiegeb *"...ma rajtux",* ghalkemm kompla jsostni li ra lill-konvenut b'xi "pallets", liema "pallets" huma rrilevanti ghall-kaz odjern, (ara fol 18);**

**6. Illi da parte tieghu l-konvenut, ghalkemm jiftakar id-dura in dizamina, informa lill-qorti li m'ghandux idea min seta' waqqa' din id-dura jew kamra mertu tal-kaz odjern, (ara fol 62 u 63);**

**Ikkunsidrat:**

**Illi in vista ta' l-analizi necessarjament sintetiku tas-suespost hu issa doveruz li din il-qorti tiffoka fuq l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari, ghalkemm**

**necessarjament b'mod sommarju minhabba n-natura tal-forum odjern;**

**1. Illi rigward in-nuqqas ta' kompetenza "rationae materiae" din il-qorti taghmel referenza ghall-artikoli 47 u 48 tal-Kap 12 u stante li r-rekwiziti hemm stabbiliti huma sodisfatti, tichad din l-ewwel eccezzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenut;**

**2. Illi rigward l-illecita' tal-kawza odjerna din il-qorti ma tifhimx il-metodologija sollevata mill-konvenut f'dan ir-rigward stante li jekk wiehed qed jivvanta xi forma ta' dritt l-uniku metodologija lilu offruta f'socjeta' civili li topera fis-sovranita' tad-dritt hu li tippermettilu, (anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument m'ghandux ragunijiet validi bizzejjed fuq xiex jistrieh), li jirrikorri ghall-qrati indipendenti li jivvalutaw il-lanjanzi tieghu f'dik il-metodologija partikolari adoperata f'dik is-socjeta', u konsegwentement din l-eccezzjoni ulterjuri qed tigi wkoll respinta, bl-ispejjez kontra l-konvenut;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi rigward l-eccezzjonijiet rimanenti din il-qorti qed tikkonsidrahom bhala pakkett unitarju koncernanti l-fatti li taw bidu ghal din il-procedura;**

**Illi effettivament ir-risoluzzjoni tal-vertenza in dizamina hi dipendenti mill-iffukar preciz tat-talbiet attrici li jirrikjedi biss is-segwenti:**

**1. Kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni;**

**2. Illi d-danni gew ikkawzati fuq proprjeta' appartenenti lill-atturi;**

**3. Illi d-danni gew ikkawzati fuq proprjeta' appartenenti lill-atturi;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti riferiti mill-atturi jippekkaw fic-certezza li huma jivvantaw biss fl-avviz li ta' bidu ghal din il-procedura;**

**Illi effettivament il-pern l-aktar importanti li fuqu jistrieh l-edificcju kollu tal-kaz ta' l-atturi huwa effettivament mankanti stante li ma giex ipprovat, lanqas fi grad ta' probabbilita', li kien il-konvenut Agius li kien responsabbli ghad-danni vantati mill-atturi;**

**Illi fin-nuqqas ta' dan is-semplici fatt, (ara fol 18), il-kaz ta' l-atturi jikkrolla kompletament u ma jimmeritax dilungar aktar;**

**Ghaldaqstant din il-qorti in vista tal-premess, ghal dak li jirrigwarda l-meritu ta' din il-procedura tirrespingi t-talbiet attrici u tikkundanna lill-atturi Xuereb biex ihallsu l-ispejjez kollha l-ohra rimanenti mhux gia' espressament dikjarati aktar qabel ta' din il-procedura.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------